# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Numru 2215**

Kaz Nru: 2819 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Eric Micallef

u

Bezzina Maritime Services Ltd

Illum: 21 ta' Marzu, 2013

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

## INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Dr. Aron Mifsud Bonnici f'isem ir-rikorrent Eric Micallef fejn gie allegat li s-socjeta' ntimata ma kellhiex ragunijiet tajba u bizzejjed skond il-ligi li setghu wasslu sabiex l-impjieg jigi terminat fl-24 ta'April 2010 u li it-terminazzjoni saret bi ksur tal-ligi. Ghaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob il-provvedimenti skond il-ligi, inkluz li jikkundanna s-socjeta' ntimata taccettah lura ghax-xoghol kif ukoll thallas kumpens li t-Tribunal jidhirlu xieraq.

Da parti taghha, is-socjeta' ntimata ddikjarat li r-rikorrent gie terminat fuq imgieba abbuziva li kienet tinkludi ghajjat, insulti u kliem hazin u provakkativ fil-konfront tas-superjur dirett tieghu, l-Project Manager Patrick Veldon.

L-incident sehh quddiem numru ta' haddiema u klijent barrani kif ukoll quddiem ir-rapprezentanti tal-Principali li ghalihom kien qed isir ix-xoghol. Is-socjeta tenniet li dan ma' kienx l-ewwel darba u li attitudni bhal din ma tistax tigi accettata u tollerata. L-incident kien jinvolvi lir-rikorrent flimkien ma kollega iehor li t-tnejn gew terminati.

**Fatti**

Ir-rikorrent kien ilu jahdem mas-socjeta' kwazi sentejn meta sehh l-incident. Hadem sena u nofs Malta u erba' xhur l-Algerija dejjem bhala Boat Master. L-incident ta' tkeccija gara l-Algerija. L-impjieg gie terminat fl-24 ta' April 2010.

Fit-28 ta' April 2010, is-Sur David Musu', inkarigat mill-Amministrazzjoni ta' Bezzina Maritime Services Ltd, ircieva telefonata mis-Sur Carmel Cachia – Chief Engineer, li kienet inqalet tilwima bejn ir-rikorrent u mpjegat iehor Daniel Caruana mas-Sur Patrick Veldon – Project Manager quddiem klijenti barranin u rapprezentanti ohra. Musu' staqsa x'tip ta' tilwima ghax fuq il-lant tax-xoghol mhux l-ewwel darba li tinqala xi tilwima. Cachia rrisponda li r-rikorrent u Caruana bdew jghajtu f'wicc Veldon b'mod aggressiv. Cachia qal li din it-tilwima kienet iktar serja min tilwim iehor li sehh qabel bejn ir-rikorrent u Veldon.

Musu' cempel lis-Sur Ranier Bezzina – General Manager u nfurmah b'dak kollu li qallu Cachia. Bezzina kellu jitkellem ma missieru, is-Sur Anthony Bezzina – Direttur. Musu' wara gie infurmat biex jaghmel l-arrangamenti biex ir-rikorrent u Caruana jingiebu Malta mill-aktar fis possibli. Ir-rikorrent wasal Malta nhar 24 ta' April 2010.

Ir-rikorrent gie nfurmat li l-impjieg gie terminat nhar it-3 ta' Mejju 2010 meta mar l-ufficju tal-kumpanija f'Malta biex ikellem lil-Musu'. Id-decizjoni tat-tkeccija ttiehdet mis-Sur Anthony Bezzina dak inhar ta' l-incident. L-incident gara abbord il-barge li r-rikorrent kien il-master tieghu. Il-haddiema Algerini li kienu parti 'mit-team' tar-rikorrent kienu jdumu biex jithallsu.

Ir-responsabilita' ta' dan kienet ta' Veldon izda ir-rikorrent kien iwassal l-ilmenti ta'Algerini lil Veldon li kien is-superjur tieghu. Dawn kemm il-darba kienu joholqu konmozzjoni meta ma jithallsux fil-hin.

Is-Sur Musu', meta rranga biex ir-rikorrent jinzel Malta kien ghadu ma jafx li kien hemm kas ta' tkeccija. Kien wara li tkellem mas-Sur Ranier Bezzina li kien infurmat li r-rikorrent kien qed jigi mkecci. Is-Sur Musu' gie nfurmat bl-incident mis-Sur Cachia. Jirrizulta li l-kumpanija dak iz-zmien ma kelliex xi kodici ta' dixxiplina. Meta gara l-incident Cachia kien vicin u mar biex jikkalma s-sitwazzjoni. Huwa sema' ghajjat u nsulti bejn ir-rikorrent u Caruana lejn Veldon u vici versa. Hu qal lil Veldon biex jitlaq min fuq il-barge u fil-fatt dan telaq lejn l-ufficcju fejn instab il-bieb sgassat u li skond Veldon kien Caruana li ghamel dan. Veldon qal lil Cachia li ma jistax ikompli jahdem maghhom u li hu jew huma jridu jitilqu.

Veldon sostna li r-rikorrent u Caruana qatt ma accettawh bhala s-superjur taghhom. Rigward l-incident Veldon qal li r-rikorrent qallu fost diskors iehor 'an English piece of shit'. Veldon izda qal ukoll li f'dak it-tip ta' xoghol u ambjent, konflitti, argumenti u certu diskors kien jigri ta' sikwit. Veldon ukoll ikkonferma li anke hu gieli uza kliem baxx inkluz fl-argument ta' l-incident inkwistjoni. Qal ukoll li l-bieb tkisser minn Caruana.

Veldon ikkonferma ukoll li l-haddiema Algerini kienu jithallsu tard kif ukoll, dak inhar ta' l-incident kien il-Gimgha u l-gurnata tal-Gimgha ghal l-Algerini kienet gurnata li normalment ma jahdmux fiha speci bhal Hadd taghna. Qal ukoll li normalment kienu jirrikorru ghand ir-rikorrent bl-ilmenti anke ukoll ghax hu ma kienx ikun abbord. Veldon, izda, l-ilmenti migjuba mir-rikorrent ghan-nom tal-haddiema ma tantx jew xejn kien jirrikonnixxihom.

Is-Sur Salvu Bugeja, Tug masker, li hadem xi zmien mar-rikorrent l-Algerija izda waqaf ftit qabel sar l-incident inkwistjoni. Bugeja sostna li Veldon kien bniedem li ma tantx kien juza edukazzjoni fi kliemu u spiss kien jitkellem baxx ma kulhadd. Bugeja assista ghal incident iehor li kien hemm bejn ir-rikorrent u Veldon meta tlewwmu dwar l-ankri u Veldon, skond Bugeja 'garah' (imbuttah) lir-rikorrent waqt l-argument. Borg kien qal b'dan lir-Ranier Bezzina u dan kien hatar lil Cachia biex ikun l-intermedjarju halli jigu evitati l-argumenti. Jidher li din kienet l-iktar tilwima serja bejn ir-rikorrent u Veldon apparti l-incident tat-tkeccija. Kien hemm incident fuq sapun li se jigi riferit aktar il-quddiem. Bugeja kompla li Veldon kellu atteggjament nervuz u aggressiv anke meta tghidlu bongu.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu is-Sur Anthony Bezzina, is-Sur Ranier Bezzina, is-Sur Patrick Veldon, is-Sur Salvu Borg, is-Sur Daniel Caruana, is-Sur David Musu, is-Sur Carmelo Cachia u r-rikorrent. Gew esibiti xi dokumenti fosthom avvidavits.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

It-Tribunal f'dan il-kaz ghandu biex jikkunsidra principalment jekk ir-rikorrent gab ruhu b'mod abbuziv fil-konfront tas-superjur tieghu. It-tribunal irrid minn naha l-ohra jikkunsidra jekk is-socjeta kellix ragunijiet validi sabiex l-impjieg jigi terminat skond il-ligi.

It-Tribunal ghaldaqstant irid jikkunsidra l-fatti dikjarati, l-provi li hargu kemm mix-xhieda u kemm mid-dokumentazzjoni pprezentata.

Fil-fatti diga hargu l-punti saljenti ta' uhud mix-xhieda principali fejn hargu cari problemi ta' relazzjonijiet ta' xoghol bejn ir-rikorrent u s-Sur Veldon.

Mix-xhieda tar-rikorrent irrizulta li dan ma ffirma l-ebda kuntratt iehor jew separat biex mar jahdem l-Algerija. Saritlu l-offerta verbalment u accetta. Ix-xoghol kien ta' kaptan tal-hopper. Veldon kien il-project manager li kien jaghti l-istruzzjonijiet fejn isir id-dredging. Is-Sur Bugeja kien jiehu l-barge fuq il-post indikat u li jahdem id f'id mal-hoppers. Jintefghu l-ankri fejn jindika Veldon u tibda l-produzzjoni. Din fil-qosor kienet l-istrittura tax-xoghol. Ir-rikorrent kellu l-bahrin tal-hopper u l-inginier li kienu jirrispondu lilu li kienu Algerini.

Diga' kien hemm bazikament zewg incidenti qabel l-ahhar wiehed li wasal ghat-tkeccija. Dawn huma ta' certu mportanza ghat-tribunal mill-aspett ta' karattri, trattament u reazzjonijiet. Wiehed diga semma fil-fatti meta kien hemm tilwima serja fuq l-ankri u Veldon imbotta (gara) lir-rikorrent quddiem ix-xhud Salvu Bugeja.

L-incident l-iehor kien meta Veldon tela fil-mess waqt l-ikel u staqsa lill l-istess Bugeja x'hemm bzonn fl-istores. Kien hemm ir-rikorrent miexi u dan qabad u qallu li kien hemm bzonn tas-sapun. Veldon b'reazzjoni mar wicc ma wicc mar-rikorrent u qallu li hu ma kienx xejn u ppretenda li jghidlu Bugeja. Skond ir-rikorrent V eldon uza diskors baxx bhal '*fucking asshole*'. Ir-rikorrent qal li ma kienx hemm reazzjoni minn naha tieghu ghajr li talab skuza. Wara dan l-incident tas-sapun kien hemm l-incident imsemmi fil-fatti li kien aktar gravi fejn Veldon anke ried ikecci lir-rikorrent wara li mbuttah u qallu '*You got off on the wrong foot from the first day with me*' skond ir-rikorrent.

Wara dan l-incident, ir-rikorrent gie moghti aktar responsabilitajiet u gie responsabbli mid-dredger ukoll. Dan wara li telaq Carmelo Cachia kien issa gie mahtur bhala intermedjatur minn Ranier Bezzina bejn ir-rikorrent u Veldon. L-inkwiet li wassal ghal-l-incident inkwistjoni beda f'Marzu 2010 rigward il-pagi tal-haddiema Algerini meta damu ma thallsu. Skond ir-rikorrent dawn kienu ilhom ma jithallsu minn Novembru u bdew jahdmu speci ta' *'work to rule'* u bdew jirrifjutaw jahdmu il-Gimgha li ghalihom qisha l-Hadd u allura riedu li jithallsu doppju. Skond ir-rikorrent meta darba l-haddiema talbu l-flus lil Veldon dan dahhal idejh fil-but, hareg ftit muniti u sabbathomlhom mal-hajt. Wara l-haddiema bdew jilmentaw mar-rikorrent. Ir-rikorrent kompla fix-xhieda li Veldon lil Algerini ma kienx jahmilhom. Kien dejjem jaghajjarhom. Iddeskrivieh bhala ragel b'attitudni difficli li trid toqghod attent kif tkellmu ghax jitlalu mill-ewwel.

L-inkwiet ta' l-incident skond ix-xhieda tar-rikorrent inkwistjoni beda l-Hamis meta Veldon informa lir-rikorrent biex l-ghada l-Gimgha jirrapurtaw filghodu bit-tnax il-siegha. Meta r-rikorrent, ma Daniel Caruana, nfurmaw lin-nies dawn irrabjaw u qalulhom li *'no way'* mhux se jahdmu tnax il-siegha. Huma nfurmaw lil Cachia li kien sejjer hdejn Veldon biex jispjegalu s-sitwazzjoni. Il-Gimgha beda x-xoghol u Veldon fis-saghtejn (2pm) ta' struzzjonijiet biex icaqilqu l-ankri. Meta nfurmaw lin-nies dawn bdew jghajjtu ghax il-process ta' l-ankri jista jiehu hin twil u n-nies ma riedux jahdmu iktar mit-tlieta (3pm), jigifieri tmien sieghat b'kollox. Ir-rikorrent u Caruana marru jkellmu lil-Veldon. Hu l-ewwel wiegeb *'that's your problem'*, qallu li int (ir-rikorrent) kien barge master. Ir-rikorrent qallu li hu kien qalilhom ghal aktar min darba biex johorgu fuq ix-xoghol u qallu lil Veldon biex imur jghidilhom hu. Skond ir-rikorrent Veldon qabad jghajjru ' int bil-harqa u *you're good for fucking nothing*' u diskors iehor simili. Ir-rikorrent qal lil Caruana biex imur jghid lil Cachia biex jigi jfehmu hu.

Fil-frattemp Cachia gie hdejn ir-rikorrent li qallu biex imur iffihem lil Veldon u biex jghidlu biex l-ankri isiru l-ghada. Cachia mar hdejn Veldon u r-rikorrent semgha lil Veldon jghid *'lets fuck them off'* lir-rikorrent u lil Caruana. Ftit wara Caruana qal lil Cachia li kien se jaghti n-notice izda r-rikorrent ma riedx jaghmel hekk. Filghaxija Cachia avza lir-rikorrent li kien se jintbaghat Malta. Cachia wara avza lir-rikorrent li kien tkecca. Wara li gie Malta, wara erba' t'ijiem ir-rikorrent mar ikellem lil David Musu li qallu biex jiffirma t-*termination form*, li r-rikorrent iffirma. Musu qallu int daqshekk maghna. Ir-rikorrent wiegeb kif kien qed jigi mkecci minghajr hadd ma sema' il-verzjoni tieghu. Ranier Bezzina qallu li kienu semghu il-verzjoni ta' Veldon u Cachia u m'ghandhomx ghal fejn jisimghu il-verzjoni tieghu.

Fix-xhieda tieghu Daniel Caruana ikkonferma x-xhieda tar-rikorrent u li hu kien ta' n-notice ghax ma setghax jahdem aktar taht Veldon b'dik it-tensjoni fejn anki jista jwegga xi hadd. Caruana kkonferma li Veldon beda joffendihom u li ma kienux kapaci jikkontrollaw in-nies. Ix-xhud kompla li Veldon kien isir ahmar nar, jiftah idu u tahseb li qed jiccalingjak ghal glied. Skond Caruana huma baqghu kalmi. Ir-rikorrent qallu ukoll biex imur ghal Cachia ha jikkalmah.

Fil-kontro-ezami r-rikorrent qal li ma kienx irid jitla iktar l-Algerija, minhabba Veldon, izda Ranier Bezzina qallu biex jerga jitla u assigurah li mhux se jkun hemm inkwiet iktar, anke ghax kien hatar lil Cachia bhala intermedjarju. Wara li rega mar l-Algerija r-rikorrent u Veldon hadu b'idejn xulxin u ma kien hemm ebda incident qabel dak ta' tkeccija.

Fil-kontro-ezami Caruana, meta mistoqsi mic-chairman x'ezatt qalu lil Veldon waqt l-incident dan innega li qalu xi haga. Caruana qal ukoll li ma hax il-kaz it-Tribunal ghaliex kien sab xoghol barra minn Malta u kien ikun unutli li jinzel Malta ghas-seduti. Caruana qal ukoll li kien ta' n-notice hmistax qabel l-incident izda l-kumpanija ma kienitx taghat kasu. It-tribunal izda jinnota x'qal Carmelo Cachia li ra lir-rikorrent jargumenta u jinsulta lil Veldon.

Fit-trattazzzjonijiet is-socjeta' ntimata tenniet li r-rikorrent huwa bniedem li ma joqghodx ghal l-awtorita' u li johloq distabilizzjazzjoni fuq ix-xoghol. Ukoll li ma kellux jindahal fuq il-pagi tal-haddiema u tistaqsi ghalfejn kien jaghmel hekk. Jew forsi ghax ried idejjaq lil Veldon biex jitlaq? Issaqsi s-socjeta ntimata. U ghalhekk s-socjeta ntimata waslet ghad decizjoni drastika ta' tkeccija. Is-socjeta tkompli ssostni li r-rikorrent kien kontinwament johloq incidenti u jnehhi l-armonija li tant kienet bzonnjuza.

Fit-trattazzjoni tieghu r-rikorrent sostna li jaqbel perfettament li ghandu jkun hemm armonija fuq ix-xoghol specjalment barra minn xtutna u specjalment f'dak l-ambjent. Ir-rikorrent kompla billi sahaq fuq il-kredibilta u r-responsabilitajiet tar-rikorrent u dik suppost ta' Veldon u x'ha minflok. Ir-rikorrent spjega r-responsabilitajiet ta' master anke il-ligi marittima. Ukoll spjega r-responsabilitajiet ta' Veldon li kienu iktar jirrigwardjaw 'the business venture' go l-Algerija milli *'day to day running'* ta'xi barge inkluz ghazla ta' postijiet ta' dredging, zieda ta' barger, etc. Kien id-dover tar-rikorrent li jkellem lil Veldon fuq nuqqas ta' hlasijiet ghax hu kien responsabbli mil barge u n-nies u li mhux kif qal Veldon li r-rikorrent indahal fejn ma jesghux. Dan fil-fatt kien li gab l-incident. Zgur sostna ir-rikorrent li l-lingwagg hazin beda minn Veldon. Ir-rikorrent innega li kien johloq incidenti u x-xhieda kienet mera ta' dan.. Is-socjeta' ntimata dawret l-ilmenti legittimi fi *'trouble maker'*, Ir-rikorrent rega sostna li huwa kien il-barge master b'hafna responsabilitajiet li huwa onora sa l-ahhar.

Dan permess, It-Tribunal jikkonsidra li:

It-Tribunal jinnota nuqqassijiet serji procedurali minn naha tas-socjeta ntimata rigward sistemi ta' tmexxija mil-lat ta' rizorsi umani specjalment fejn ghandhom x'jaqsmu relazzjonijiet industrijali. Dawn irrizultaw fi provi dghajfa rigward l-imgieba abbuziva tar-rikorrent li kienet ir-raguni principali fit-tkeccjia migjuba mis-socjeta'. Jirrizulta ukoll li s-socjeta' ma tipprattikax kodici professjonali ta'dixxiplina.

Fl-incidenti varji li kien hemm bejn ir-rikorrent u s-sur Veldon, fl-ebda wiehed, is-socjeta' ma hadet xi forma ta passi dixxiplinarji u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jarax gust li fuq incident simili, fejn spikka d-diskors hazin u oxxen, l-iktar skond ix-xhieda, mis-Sur Veldon iktar milli mir-rikorrent wassal ghal tkeccija mmedjata minghajr l-ebda sinjal ta' procedura dixxiplinarja.

**<u>Decizjoni</u>**

Mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qieghed jiddiciedi li t-tkeccija kienet wahda

ngusta  u li hemm lok li r-rikorrent jinghata kumpens.  It-Tribunal izda mhux qed jilqa'  t-talba li r-rikorrent jinghata lura l-post tax-xoghol.

Il-kumpens qed jigi stabbilit  fl-ammont ta' erba t'elef euro (€4,000.00), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta'  ntimata lir-rikorrent fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta'Malta  rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : **Edmund Tabone    M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-SEGRETARJU**